MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru 314/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**

**vs**

**Victor Parnis**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Victor Parnis ta’ 49 sena, bin Emanuel u Martha nee’ Debono, imwieled San GIljan nhar it-28 ta’ Mejju 1957 u residenti ‘Perla’, Triq San Pawl, Naxxar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 370557(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Matul il-gurnata ta’ nhar id-29 ta’ Marzu, 2007 gewwa dawn il-Gzejjer fin-Naxxar :-

a) Volontarjament ta in-nar lil bini, l-gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316 u cioe gewwa fond bl-isem ta' 'Perla', sitwata fi Triq San Pawl, in-Naxxar, izda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, jkun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa, u dan bi ksur ta' artikolu 318 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 27/10/2006 imposta fuqu mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Novembru 2008 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

a) fl-artikoli 318 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) fl-artikoli 8(2) u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) fl-artikoli 49, 50, 51 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 586 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
e) fl-artikoli 17, 23,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti processwali inkluz ir-rapport tal-espert psikjatriku Dr. Peter Muscat fejn gie konkluz li l-imputat isofri minn:

1. Chronic Depressive Disorder precipitated by situational problems related to his marital, family and social problems.

2. Fil-gurnata tal-allegat reat, hu kien depressed with sucidal intent.

3. Minhabba d-disturbi mentali, kellu nuqqas ta' gudizzju u ghalhekk ma kienx responsabbli ghall-att li wettaq.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu minhabba stat ta’ genn fi zmien tar-reat u wara li rat l-Artikoli 525(3) u 623(1) tal-Kodici Kriminali tordna li l-imsemmi Victor Parnis jinzamm taht kustodja fl-isptar Monte Carmeli sabiex hemmhekk jibqa’ taht kustodja u mizmum taht id-dispozizzjonijiet tat-taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali jew kull dispozizzjoni ohra tal-Ligi jew Legislazzjoni applikabbli ghall-kaz.

Il-Qorti tordna ukoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi minnufih notifikata mir-Registratur tal-Qorti lis-Supretendent tal-Isptar Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------